**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 1**

**Rikors Maħluf Numru 376/2022 NC**

**Apple Core Foods Ltd (C 55240)**
**rappreżentat minn Pierre Peter Mattocks (K.I. 537464M)**

**vs.**

**Dusk & Dawn Co. Limited (C 21800)**

Illum 23 ta' Ġunju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Apple Core Foods Ltd ippreżentat fit-3 ta' Mejju 2022 li jgħid hekk:

> *"(1) Illi s-soċjeta' attriċi kienet tissuplixxi lis-soċjeta konvenuta b'diversi prodotti tal-ikel għal diversi snin. Il-prodotti tal-ikel kienu jiġi distribwiti fid-diversi stabbilimenti li topera l-*

*konvenuta, fosthom stabbilimenti bl-isem ta' "Crave", "Estilo", "Gastro", "Las Palmas" u "Q Market";*

*(2) Illi kif jidher mill-istatement of accounts hawn annessi u mmarkati bħala "Dok AC1" sa "Dok AC5", rappreżentanti fatturi maħruġa fuq l-istabbilimenti supra indikati u mhux imħallsa mis-soċjeta' intimata fl-ammont ta' sitta u tletin elf, erba' mija u erbgħa u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€36,484.25), liema somma tirrappreżenta diversi prodotti tal-ikel u servizzi reżi lis-soċjeta' intimata fuq inkarigu tagħha stess;*

*(3) Illi d-Direttur u r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata u ċjoe Joseph Camilleri (detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 533455M) ex admissis irrikonoxxa dan l-ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti u aċċetta illi dan l-ammont jitħallas permezz ta' ċekkijiet;*

*(4) Illi l-istess Joseph Camilleri ffirma numru ta' ċekkijiet, li qed jiġu hawn annessi u kollettivament mmarkati bħala "Dok AC6" iżda tali ċekkijiet ma ġewx onorati;*

*(5) Illi minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas il-bilanċ rimanenti lis-soċjeta' rikorrenti, hija baqgħet inadempjenti;*

*(6) Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex dina l-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), stante li dan il-kreditu ta' sitta u tletin elf, erba' mija u erbgħa u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€36,484.25) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tqajjem kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;*

*(7) Illi s-soċjeta' intimata taf b'dawn il-fatti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża.*

*Għaldaqstant, tgħid is-soċjeta' intimata għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

*1. Tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skond l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*2. Tiddikjara lis-soċjeta' intimata veru, ċert u likwidu debitriċi versu s-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' sitta u tletin elf, erba' mija u erbgħa u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€36,484.25);*

*3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex minnufih tħallas is-somma ta' sitta u tletin elf, erba' mija u erbgħa u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€36,484.25) lis-soċjeta' rikorrenti, bl-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 25) tal-10 ta' Mejju 202 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta tallum u li s-soċjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher llum u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi, minkejja li s-soċjeta' konvenuta Dusk & Dawn Co. Limited ġiet notifikata b'dawn il-proċeduri fis-17 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 26 *tergo*), l-ebda rappreżentant tagħha ma deher għas-seduta tallum u b'hekk is-soċjeta' konvenuta ġiet meqjusa li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi hekk kif maħluf minn Pierre Peter Mattocks in rappreżentanza tal-istess soċjeta' attriċi jirriżulta li s-soċjeta' attriċi kienet tissuplixxi lis-soċjeta' konvenuta b'diversi prodotti tal-ikel għal diversi snin u li l-prodotti tal-ikel kienu jiġu distribwiti fid-diversi stabbilimenti li topera s-soċjeta' konvenuta, fosthom stabbilimenti bl-isem ta' "Crave", "Estilo", "Gastro", "Las Palmas" u "Q Market". Jingħad li l-i*statement of accounts* (Dok. "AC 1" sa Dok. "AC 5" – *a fol.* 6 *et seq.*) jirrappreżentaw fatturi maħruġa fuq l-istabbilimenti msemmija u mhux imħallsa mis-soċjeta' konvenuta fl-ammont ta' sitta u tletin elf, erba' mija u erbgħa u tmenin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€36,484.25), liema somma tirrappreżenta diversi prodotti tal-ikel u servizzi reżi lis-soċjeta' konvenuta fuq inkarigu tagħha stess. Jingħad li Joseph Camilleri (direttur u rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta) irrikonoxxa dan l-ammont dovut lis-soċjeta' attriċi u aċċetta li dan l-ammont jitħallas permezz ta' ċekkijiet (Dok. "AC 6" – *a fol.* 19 *et seq.*), liema ċekkijiet huwa ffirma iżda li ma ġewx onorati. Jingħad ukoll li minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti u li d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u li s-soċjeta' konvenuta ma kellhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Fid-depożizzjoni mogħtija waqt is-seduta tallum minn Claude Mattocks in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi ngħad li l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha għadu kollu dovut.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smiegħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati.

Illi ladarba d-dejn huwa ta' natura kummerċjali b'hekk ikun opportun li ssir riferenza għal dak li ngħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-3 ta' Ottubru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat et vs. Maġġur Louis Radmilli et** fejn ingħad hekk:

> "jekk wieħed iqis li l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin kienet waħda ta' natura kummerċjali, allura jista' jingħad ukoll li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure* bla ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju u b'effett minn dak inhar li l-obligazzjoni kellha titwettaq."

Illi kull fattura hija l-prova ta' bejgħ individwali u distint ta' materjal. Għalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[1] B'hekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* ta' Artikoli 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta Dusk & Dawn Co. Limited hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' sitta u tletin elf, erba' mija u erbgħa u tmenin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€36,484.25);

(3) Tilqa' it-tielet talba tas-soċjeta' attriċi billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Dusk & Dawn Co. Limited tħallas is-somma ta' sitta u tletin elf, erba' mija u erbgħa u tmenin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€36,484.25) lis-soċjeta' attriċi Apple Core Foods

[1] *Vide* **J&M Aluminium Ltd. vs. Alu. Care Mosta Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 2012.

Ltd bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mid-dati rispettivi tal-fatturi sad-data tal-ħlas effettiv.

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta' konvenuta Dusk & Dawn Co. Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**